MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 271/2006

Kawza Nru.: 2

**G H**
**vs**
**P O**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attrici talbet is-separazzjoni personali mill-konvenut wara li ppremettiet: li l-kawza tinsab fl-istadju finali izda m' hijix differita ghas-sentenza; illi l-attrici tixtieq li t-talba ghas-separazzjoni personali tigi konvertita f' wahda ghal divorzju fit-termini ta' l-Artikolu 66F tal-Kap 16; li r-rekwiziti kontemplati fl-artiklu 66B huma sodisfatti;

Rat ir-risposta li permezz taghha l-konvenut oggezzjona ghat-talba peress li l-kwistjoni dwar il-manteniment

ghadha trid tigi deciza minn din il-Qorti filwaqt li jaccetta li jibqa’ jmantni lil minuri anki jekk dan jibqa’ jistudja;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tallum li permezz tieghu l-attrici ddikjarat li hija m’ ghamlitx talba ghall-hlas ta’ manteniment ghaliha pendente lite filwaqt li l-manteniment tat-tfal qieghed jithallas regolarment;

Semghet it-trattazzjoni;

Peress li l-kundizzjonijiet kontemplati fl-Artiklu 66B jinsabu f’ dan l-istadju sodisfatti tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li minflok il-kliem separazzjoni personali/firda personali titnizzel il-kelma divozju u dan fir-rikors guramentat u fir-risposta guramentata u kull fejn jirrikorru;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba f’ dan l-istadju.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------